MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1415/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-**
**nom tal-Enemalta**

**vs**

**Anthony Formosa**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm588.49) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum tal-ilma u dawl u kera tal-meters relattivi fil-fond San Gwann tas-

Salib Garage, Triq Edgard Bernard, Gzira skond il-kontijiet esebiti u mmarkati bhala Dok. WSC1 u WSC2.
Bl-ispejjjes, inkluzi Lm43.04 spejjes tal-ittri ufficjali datati 25 ta' Novembru 1987, 7 ta' Ottubru 1991, 2 ta' Mejju 1995, 16 ta' Gunju 1997, 12 ta' Settembru 1997, 6 ta' Mejju 1998 u 15 ta' Dicembru 1999, u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm588.49, bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittri ufficjali ndikati fl-Avviz tat-Talba,ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------